# L-IMPORTANZA TAL-FLORIANA

Minn Simon A. Bonello
(President Onorarju – Socjeta` Filarmonika Vilhena)

Ftit Maltin jagħtu l-importanza mistħoqqa lill-belt tagħna, jiġifieri l-Floriana. (Qed nuża l-kelma belt għax fil-fatt il-lokalita` tagħna hekk hi. Niddejjaq ħafna meta tintuża l-kelma subborg għax din tfisser xi ħaġa inferjuri minn xi lokalita` oħra). Bla tlaqliq ngħid li l-Floriana taqdi l-ħtiġijiet li soltu ssibhom f'belt kapitali. Dawn il-ħtiġijiet huma ta' natura reliġjuża, ċivika, soċjali u sportiva kif aktar 'l quddiem naraw.

## Il-Bidu

Il-Floriana ma għandhiex xi storja antika għax kellha t-twelid tagħha bis-saħħa tal-fundatur tagħha, il-Gran Mastru Anton Manoel de Vilhena (1722-1736) li propju fil-bidu tar-renju tiegħu, 1722, xtaq li tinbena belt bejn is-swar li jifirxu minn dawk tal-Belt Valletta sa l-Blata l-Bajda u bejn dawk tal-Port il-Kbir u l-Port ta' Marsamxett. Madankollu, aktar qabel, fl-1672 il-Gran Kunsill ta' l-Ordni ta' San :wann kien ordna biex tinbena belt fl-istess spazju. Minkejja t-tħabrik tal-Gran Mastru Vilhena li kien hu l-veru fundatur tagħha u għalhekk bdiet tissejjaħ Borgo (belt) Vilhena, wara, bdiet tkun magħrufa bl-isem ta' Floriana għal Pietro Paolo Floriani, l-inġinier li bena s-swar li jdawruha. Min-naħa tiegħu l-Gran Mastru Vilhena kien iħobb ukoll isejħilha Citta` Giardino. Tajjeb wieħed isemmi li dan il-Gran Mastru kellu villa li fiha kien isib il-mistrieħ tiegħu barra l-ħitan tal-Belt Valletta u din llum tintuża mill-Middle Sea Insurance. Din il-villa mibnija fl-1730, immedjatament malli spiċċat it-Tieni Gwerra Dinjija bdiet tkun magħrufa bħala Montgomery House, post storiku li fih iltaqgħu l-Prim Ministru Ingliż Sir Winston Churchill u l-President ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika Franklyn D. Roosvelt fl-1945 qabel dawn marru r-Russja fejn kellhom jiltaqgħu mad-Dittatur Sovjetiku Joseph Stalin. Issemmiet Montgomery House għaliex fiha l-Field Marshall Lord Montgomery kien ifinalizza l-pjani għall-invażjoni ta' Sqallija. Tajjeb li wieħed ifakkar li numru kbir ta' karrijiet armati, kanuni u tant armamenti oħra telqu mill-Floriana lejn ix-xatt tal-Port il-Kbir biex jitgħabbew fuq vapuri fi triqthom għall-istess invażjoni.

Qabel bdew jinbnew l-ewwel blokki ta' bini residenzjali kienu ġa jeżistu l-kunvent u l-knisja tal-Kappuċċini li nbnew fl-1588 u l-knisja rotunda ta' Sarria li nbniet fl-1585 mill-Kavallier Sarria u nbniet mill-ġdid fl-1676. Kienu ġa jeżistu wkoll il-Ġnien tal-Mall li kien jintuża biex il-kavallieri kienu speċi ta' jeżerċitaw irwieħhom bil-logħob tal-mallio kif ukoll it-Torri ta' Wignacourt, tifkira tal-wasla ta' l-ilma fil-Belt Valletta. Fl-1743 inbniet il-kappella ta' San Kalċidonju u fl-1751 twaqqaf is-Seminarju li matul il-medda taż-żmien ħarġu eluf ta' saċerdoti djoċesani sakemm dan inbidel fil-Kurja Arċiveskovili. Għaldaqsant il-Floriana nistgħu faċilment inqisuha bħala il-belt kapitali ekleżjastika. Hija koinċidenza ħelwa li l-post minn fejn l-Arċisqof jamministra l-Arċidijoċesi ta' Malta jinsab propju fil-Parroċċa ddedikata lil San Publju, l-Ewwel Isqof ta' Malta.

Fl-1746 inbnew 20 blokk ta' bini fuq iż-żewġ naħat ta' Triq Sant'Anna li hija mhux biss it-triq ewlenija tal-Floriana iżda wkoll ta' Malta. Inbniet ukoll il-knisja ta' San Publju naturalment mhux kif nafuha llum. Kienet mingħajr in-navi u l-konranavi u b'faċċata differenti għal kollox minn dik ta' llum. Jingħad li fl-inħawi qrib fejn ittellgħet il-knisja kien hemm mitħna u knisja żgħira ddedikata lil San Publju, madankollu dwar dan, sa fejn naf jien, ma hemm xejn dokumentat. Il-bini baqa' jiżdied fuq pjanata ta' gradilja jiġifieri toroq dritti jaqsmu lil xulxin. Ma damx wisq ma l-popolazzjoni telgħet għal 2,000 ruħ.

## Konċentrament Militari

Mal-wasla ta' l-Ingliżi f'Malta bdew jinbnew numru ġmielu ta' barracks għas-suldati tant li l-Floriana saret konċentrament militari b'ħafna nies pajżana inklużi Furjaniżi ċivili jsibu impieg mas-servizzi. Inbnew barracks kemm fuq in-naħa ta' fuq tal-Floriana kif ukoll fuq in-naħa ta' isfel. Insibu Lintorn Barracks, Casemate Barracks u St. Francis Barracks. St. Francis Barracks illum ma għadux jeżisti. Il-barracks fis-snin sebgħin ġew trasformati f'uffiċċji Governattivi kif se naraw aktar 'il quddiem. Billi l-Floriana qiegħda fuq peninsula kienu jiffrekwentawha mhux biss is-suldati stazzjonati fiha iżda ukoll numru kbir ta' baħrin. Dawn kienu jqattgħu l-ħin liberu tagħhom ta' filgħaxija fil-ħwienet u night clubs fil-parti magħrufa bl-isem ta' Balzunetta.

## Funzjonijiet Reliġjużi u l-Knisja Arċipretali

Il-Floriana għandha tradizjoni ta' funzjonijiet reliġjużi kbar. Biżżejjed insemmu l-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali li sar fiha fl-1913, il-festi Ċentenarji Ta' San Pawl u San Publju fl-1960, il-famuż Kungress Marjan, iż-żewġ miġjiet tal-Papa Ġwanni Pawlu II meta qaddes fi Pjazza San Publju l-ewwel fl-1990 u fl-2001 fl-okkażjoni tal-Beatifikazzjoni ta' Dun Ġorġ Preca, tal-Kjeriku Injazju Falzon u ta' Swor Adeodata Pisani. Għal ħafna snin kienet issir kull sena l-Festa ta' Kristu Re meta nies minn kull rokna ta' Malta kienu jimlew Pjazza San Publju. F'din il-pjazza meqjusa bħala waħda mill-akbar f'belt mhux biss f'pajjiżna iżda anke fl-Ewropa saru diversi manifestazzjonijiet oħra reliġjużi kbar fuq skala nazzjonali.

Ġużeppi Bonnici

Tiddomina din il-pjazza kbira nsibu l-Knisja Arċipretali ta' San Publju. Bla dubju dan it-tempju majestuż huwa l-aktar bini importanti u imponenti fil-Floriana. Il-bini tiegħu, qabel tkabbar kemm-il darba, nbeda fl-1733 u ntemm fl-1768 fuq pjanta oriġinali ta' l-arkitett Tumas Dingli. L-aħħar parti tal-knisja li nbniet hija l-faċċata li għandha fuq disinn tal-Professur Nikola Zammit, li kien tabib u arkitett, żgur waħda mill-isbaħ fil-Gżejjer Maltin. L-aktar ġurnata kerha fl-istorja tal-Floriana kienet meta dan it-tempju ġarrab ħsarat kbar fit-28 ta' April 1942. Wara li ntemmet il-gwerra bdiet ir-rikostruzzjoni b'koppla differenti minn dik ta' qabel. Il-koppla l-ġdida kellha jkollha qoxra ta' koppla oħra fuqha li kellha tikkumplimenta liż-żewġ kampnari sbieħ tagħha imma nuqqas ta' fondi ma ppermettiex li jsir dan.

Quddiem il-Knisja Arċipretali nsibu l-Fosos li saru mhux kif ħafna jaħsbu mill-Kavallieri iżda fi żmien l-uniku gvernatur Brittaniku kattoliku, l-Irlandiż Richard More O'Farell. Dawn il-fosos, 75 b'kollox kienu jeżistu qabel it-tkabbir tal-knisja u għalhekk huma xi ftit għolja mill-passaġġ bejnhom u l-knisja. Dawn il-fosos flimkien ma' oħrajn f'partijiet oħra fil-Floriana kienu jfornu l-qamħ lill-popolazzjoni ta' Malta.

## Ġonna

Il-Floriana hija magħrufa għan-numru ta' ġonna li jsebbħuha. Insibu l-Ġonna ta' l-Argotti, il-Ġnien San Filippu li jiġi taħt l-Argotti, il-Mall, Ġnien Preziosi, Ġnien il-Mistrieħ li kien jintuża bħala ċimiterju mill-Ingliżi li jinsab fuq is-swar li jagħtu għal fuq il-Port ta' Marsamxett, Ġnien Sa Maison, kwiet u ftit iffrekwentat li fih insibu ħafna tifkiriet mħollija minn suldati Ingliżi imnaqqxin fil-ġebel, ukoll jagħti għal fuq l-istess port, Ġnien Herbert Ganado, imsemmi għal ċittadin Furjaniż magħruf bħala kittieb u politiku, il-Ġnien Re Ġorġ V użat bħala playground għat-tfal, reċentement irrenovat, Ġnien Vilhena, ġnien ġdid wara Binja Vilhena wara s-swar ta' fuq il-Port il-Kbir. Kien jeżisti ġnien ieħor, Rundle Garden, floku hemm il-car park. Mhux ta' b'xejn li l-Gran Mastru Vilhena kien isejħilha Ċitta Giardino u fil-fatt hekk għadha.

## Monumenti

Il-Floriana nistgħu nsejħulha wkoll belt monumentali għan-numru kbir ta' monumenti li għandha. Bla dubju, l-aktar li jispikkaw huma ta' Kristu Re, xogħol tal-magħruf skultur Malti Antonio Sciortino li jfakkar il-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali tal-1913, il-Monument tal-Gwerra, il-Monument ta' l-Indipendenza, mikxuf mill-President ta' Malta, il-Monument ta' l-Air Force mikxuf mir-Reġina Eliżabetta II, u naturalment dak tal-fundatur tal-Floriana, il-Gran Mastru Anton Manoel de Vilhena.

Monumenti oħra huma taż-żewġ ċittadini Furjaniżi Sir Filippo Sciberras (1850-1928), il-bniedem li ħadem biex tinġieb l-ewwel Kostituzzjoni ta' Self Government għal Malta u tal-Professur Sir Luigi Preziosi (1888-1965), speċjalista kbir tal-għajnejn ta' fama dinjija, ta' Sir Ugo Mifsud (1889-1942) darbtejn Prim Ministru ta' Malta li għamel xi żmien joqgħod il-Floriana, Aloysius Pisani (1806-1865), li iddistingwa ruħu fil-mediċina bħala tabib, tal-Markis Giuseppe Scicluna (1856-1907), filantropu u industrijalista onorat bit-titlu ta' markis mill-Papa Ljun XIII, tal-Markis Vincenzo Bugeja (1820-1890), politiku u filantropu li waqqaf il-Konservatorju Vincenzo Bugeja f'Santa Venera, ta' Sir Adrian Dingli (1817-1900), l-ewwel ċittadin Malti li sar Prim Imħallef tal-Qrati Maltin, ta' Nichola Papaffy (1792-1886), kummerċjant Grieg li ġie Malta u waqqaf fond biex Maltin setgħu jemigraw, ta' Dante Aleghieri, il-monument li jinsab taħt is-Swar ta' Sant'Anna u l-aħħar monument li twaqqaf fil-Floriana, dak ta' Dun Karm Psaila, il-Poeta Nazzjonali li kiteb l-innu Malti b'mużika tal-Furjaniż Professur Kurunell Robert Samut.

Żewġ monumenti oħra viċin il-Monument tal-Gwerra huma dawk f'ġieħ is-suldati mejtin tar-Royal Malta Artillery (R.M.A.) u tal-Kings Own Malta Regiment (K.O.M.R.). Barra minn dawn insibu żewġ monumenti mwaħħlin mal-ġenb tal-Knisja Arċipretali, wieħed iddedikat lill-mejtin Furjaniżi tat-Tieni Gwerra Dinjija u l-ieħor f'ġieħ il-Patrijotti Maltin maqtula mill-Franċiżi u li ndifnu fiċ-ċimiterju ta' San Publju propju taħt mal-ġenb tal-istess knisja, fosthom Dun Mikiel Scerri. Ħafna jinsew monument ieħor għax jaħsbuh sempliċiment statwa oħra, dak ta' San Publju li jinsab f'tarf it-taraġ taz-zuntier iż-żgħir tal-knisja ta' l-istess isem li jfakkar is-sehem tal-Parroċċa Furjaniża fil-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali (1913). Hawn min iqis il-Funtana ta' l-Iljun, is-simbolu tal-Floriana, bħala monument għax ġiet iddedikata mill-Gran Mastru Vilhena liċ-ċittadini Furjaniżi fl-1728.

## Istituzzjonijiet

Fil-Floriana kien hemm u għad hawn ħafna istituzzjonijiet ta' natura governattiva, reliġjuża, karitattiva, soċjali, kulturali u sportiva. Tant hu kbir in-numru ta' dawn li mhux possibbli minħabba nuqqas ta' spazju li wieħed isemmihom kollha. Tajjeb almenu li jissemmew dawk prinċipali.

Il-Gran Mastru Vilhena (1722-1736), magħruf għax-xogħlijiet li wettaq favur il-Maltin, waqqaf żewġ istituzzjonijiet importanti fil-Floriana, "La Casa di Carita`" magħrufa bl-isem ta' Ospizio li kienet tilqa' rġiel u nisa li kellhom bżonn ta' għajnuna u l-Konservatorju tas-Sultan fejn tfajliet foqra kienu jiġu mgħallma snajja addattati għalihom. Fi żmien l-Ingliżi l-Ospizio nbidel f'barracks għar-Royal Army Ordinance Corps (R.A.O.C.) u allura beda jissejjaħ l-Ordinanza fil-waqt li l-Konservatorju aktar tard għamel żmien sptar ċivili (l-Isptar ċentrali) u llum jospita d-Depot tal-Pulizija.

Il-Floriana tospita żewġ Ministerji, dak ta' l-Edukazzjoni u l-ieħor ta' l-Ambjent. Fost id-dipartimenti governattivi u aġenziji tiegħu nsibu l-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, it-Teżor, id-Dipartiment tal-Lottu Pubbliku, id-Diviżjoni ta' l-Ippjanar Ekonomiku, id-Dipartiment tat-Toroq, id-Dipartiment tat-Taxxi Interni, il-Baggage Room tad-Dwana, id-Dipartiment tal-Bini u Inġinerija, l-Awtorita` ta' l-Ippjanar, l-Awtorita` tad-Djar, l-Awtorita` tat-Trasport Pubbliku u tant oħrajn. Min-naħa reliġjuża nsibu l-Kurja Arċiveskovili, il-Kunvent tal-Kappuċċini, id-Dar tal-Ġiżwiti u djar tas-Sorijiet, il-Caritas u l-Istitut Kattoliku.

Ambaxxati nsibu tnejn, dik Taljana u l-oħra ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika. Kemm il-Boy Scouts kif ukoll il-Girl Guides għandhom hawn il-kwartieri ġenerali nazzjonali tagħhom. Anke union ta' ħaddiema, l-Union {addiema Magħquda (UHM), ħasset il-ħtieġa li tistabbilixxi ruħha fil-Floriana bħal ma għamel l-Uffiċċju Prinċipali tal-APS Bank. Żewġ banek oħra, il-Bank of Valletta u l-HSBC jinsabu rrappreżentati permezz tal-fergħat tagħhom. Fil-Floriana nsibu wkoll diversi aġenziji tal-vjaġġi bħal Hamilton Travel, Europa Tours, Festa Travel Agency, Wings u Hicks. Ma nistgħux ma nsemmux ukoll lill-Meridienne Phoenicia, waħda mill-lukandi ewlenin ta' Malta. Ħasra li l-Grand Hotel Excelsior, lukanda mibnija mill-ġdid għadha ma fetħitx il-bibien tagħha. Ma ninsewx id-Dar ta' l-Anzjani, frott tal-ħidma tal-Floriana Senior Citizens. Barra minn hekk fil-lokalita` Furjaniżi nsibu numru ta' kumpaniji ta' accountants, awdituri, aġenziji ta' l-assikurazzjoni, agenti tal-vapuri kif ukoll żewġ stazzjonijiet tar-radju, l-Island Sound Radio li jittrasmetti fuq skala nazzjonali u Radju Vilhena, inizjattiva tas-Soċjeta` Filarmonika Vilhena, fuq skala lokali u tant oħrajn.

## Każini

Fil-Floriana għandna numru ta' każini. Dak tas-Soċjeta` Filarmonika Vilhena mhux biss l-eqdem wieħed fil-lokalita` imma huwa wkoll fost l-eqdem każini tal-baned f'Malta. Twaqqaf fl-1874 iżda mhux dejjem kien fl-istess sede, il-FSOBIANS Club li kellu t-twelid tiegħu bħala Floriana School Old Boys Association, il-Floriana Football Club, wieħed mill-eqdem clubs tal-football fid-dinja li kiseb tant unuri tant li jġib il-għira ta' xi wħud mhux tant sportivi, il-Floriana Ajax Football Club, il-Young Stars Hockey Club u l-Klabb Boċċi Floriana. Barra minn dawn insibu l-każini tal-Partit Nazzjonalista u tal-Malta Labour Party kif ukoll l-Floriana Senior Citizens, l-uniku Day Centre f'Malta mmexxi mill-volontieri li jagħti servizz kbir lill-anzjani Furjanizi kemm dawk joqogħdu fil-Floriana kif ukoll barra. Għalkemm mhux każin, ma ninsewx il-Qasam tal-Mużew tas-Subien, wieħed minn tal-bidu f'Malta mwaqqaf mill-Beatu Ġorġ Preca.

Żgur ma kienx possibbli wieħed jagħti ħarsa estensiva ta' dak kollu li jinsab bejn is-swar mibnija minn Pietro Paolo Floriani u ftit 'il hemm minnhom li jagħmlu l-Belt Floriana iżda almenu tajna daqqa ta' għajn fuq dwar l-Importanza tal-Floriana.